# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

## "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2017 — l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali"

*[COM(2017) 2616 final]*

(2018/C 129/10)

Relatur: **Cillian LOHAN**

Korelatur: **Brian CURTIS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 31.5.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 25.4.2017 |
| Sezzjoni kompetenti | L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sezzjoni | 21.11.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 7.12.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 530 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 171/5/2 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon din il-Komunikazzjoni Interpretattiva li tipprovdi ħarsa ġenerali siewja lejn il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja f'livell nazzjonali f'każijiet ambjentali sad-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Din se tirriżulta f'benefiċċji ulterjuri ta' żieda fiċ-ċertezza u ċ-ċarezza għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan il-qrati nazzjonali u l-istrutturi amministrattivi, kif ukoll għan-negozji u ċ-ċittadini **jekk** id-disseminazzjoni tagħha tiġi implimentata b'mod effettiv.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi li l-konsistenza fl-Aċċess għall-Ġustizzja madwar l-UE hija fattur essenzjali li jirfed is-suq uniku u l-implimentazzjoni konsistenti ta' drittijiet tal-liġi tal-UE fl-Unjoni, u tipprovdi ċ-ċarezza u ċ-ċertezza meħtieġa għal swieq u investituri.

1.3. Il-KESE jitlob li jkun hemm leġislazzjoni komprensiva u vinkolanti tal-UE meħtieġa sabiex jinkisbu l-konsistenza u l-kompletezza fl-implimentazzjoni tal-Aċċess għall-Ġustizzja madwar l-Unjoni sabiex dan il-pass tajjeb dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja jiġi kkomplementat minn din il-Komunikazzjoni. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ([1]) stess ivvaluta leġislazzjoni vinkolanti tal-UE bħala l-approċċ ideali. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport Darpö ([2]) f'dan ir-rigward, li ġie kkummissjonat mill-Kummissjoni. Jeħtieġ li l-Istati Membri jappoġġjaw tali għanijiet u mhux ifixklu l-insegwiment tagħhom.

1.4. Sabiex il-Komunikazzjoni jkollha effett reali, jeħtieġ li din tiġi kkomplementata b'taħriġ u edukazzjoni fil-livell tal-Istati Membri, mal-udjenzi kollha fil-mira, u b'mod partikolari għall-korpi ta' analiżi ġudizzjarja u amministrattiva u ċ-ċittadini.

1.5. Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità li jkun hemm biżżejjed riżorsi u fondi biex jiġu appoġġjati b'mod effettiv tali pjani, kif jagħmlu l-Istati Membri.

1.6. Il-Komunikazzjoni ma tippruvax tipprevala fuq ġurisdizzjonijiet nazzjonali, u tfassal id-deċiżjonijiet u l-kjarifiki tal-Qorti tal-Ġustizzja li huma rekwiżit bażiku vinkolanti. Dak il-punt, u rekwiżit li m'għandu jkun hemm l-ebda derogi jew twaqqigħ lura, għandhom jiġu ddikjarati f'verżjonijiet futuri tal-Komunikazzjoni.

---

([1]) https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/10102/2017/EN/SWD-2017-255-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF

([2]) http://ec.europa.eu/environment/aarhus/pdf/synthesis%20report%20on%20access%20to%20justice.pdf

1.7. Dan l-Avviż Interpretattiv jeħtieġ li jinżamm aġġornat. Biex jiġi żgurat li l-preċiżjoni u l-attwalità jinżammu, huma essenzjali aġġornamenti f'waqthom tal-kontenut, u aġġornamenti għall-pubbliku fil-mira, biex jiġu riflessi l-iżviluppi fil-ġurisprudenza tal-QtĠ. Għodda dinamika u aġġornata għas-soċjetà ċivili, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-korpi ġudizzjarji għandha tiġi esplorata.

1.8. Feedback minn komunitajiet esperti u nuqqasijiet u ommissjonijiet fil-Komunikazzjoni għall-Istati Membri għandhom jingħataw prijorità u jiġu indirizzati wkoll, inkluża l-konsiderazzjoni dwar kif jiġu indirizzati oqsma fejn hemm lakuni fil-politika attwali tal-ġurisprudenza tal-Qorti.

1.9. Jeħtieġ li tiġi żviluppata **u tinżamm** linja bażi indipendenti, oġġettiva, komprensiva u aġġornata, li tirrifletti kemm l-iżviluppi pożittivi kif ukoll il-kwistjonijiet b'Aċċess għall-Ġustizzja fil-livell tal-Istati Membri, u l-elementi kollha tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

1.10. Minħabba l-importanza tar-referenzi għal deċiżjonijiet preliminari fl-iżgurar tal-konsistenza tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni f'dan il-qasam ([3]), il-Kummissjoni għandha tesplora bis-sħiħ u tirrapporta b'mod komplet dwar l-użu u l-konformità ma' dik id-dispożizzjoni fl-Istati Membri kollha, u għandha tinvestiga u ssegwi l-ostakoli kollha għall-użu tagħha.

1.11. F'kuntest globali ta' intimidazzjoni u persekuzzjoni ta' difensuri ambjentali, l-UE għandha tmexxi fl-iffaċilitar tal-Aċċess għall-Ġustizzja.

1.12. Il-KESE jenfasizza l-limitazzjonijiet tal-Komunikazzjoni Interpretattiva, billi naqset milli tinkludi s-sejbiet indipendenti tal-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus (ACCC). Dan il-korp ta' xogħol importanti u utli jista' jikkomplementa l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, u jappoġġja lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u ċ-ċittadini b'Aċċess għall-Ġustizzja u għandu jiġi referenzjat.

1.13. Il-KESE jappoġġja l-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-implimentazzjoni sħiħa tagħha mill-UE u fi ħdanha. Huwa għalhekk essenzjali li s-sejbiet dwar il-konformità tal-ACCC, maħtura mill-Partijiet, ikunu kompletament approvati mill-Partijiet.

1.14. Il-KESE jirrikonoxxi s-sensittivitajiet assoċjati mas-sejbiet reċenti mill-ACCC rigward in-nonkonformità dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-KESE jħeġġeġ għal impenn urġenti u kostruttiv dwar din il-kwistjoni mill-UE fil-perjodu qabel il-laqgħa li jmiss tal-Partijiet. B'mod partikulari, ser ikun importanti li jiġi prijorizzat, ma' NGOs ambjentali u s-soċjetà ċivili, approċċ wiesa' u ambizzjuż għall-modi u l-oqsma li fihom l-UE tista' ttejjeb l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Aċċess għall-Ġustizzja fl-istituzzjonijiet tal-UE u minnhom. Għandhom jiġu indirizzati wkoll approċċ parallel u komplementari għall-Aċċess għall-Ġustizzja fi ħdan u mill-istituzzjonijiet tal-UE, gwida assoċjata u attivitajiet ta' implimentazzjoni.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Id-dokument ippubblikat mill-Kummissjoni huwa avviż interpretattiv. Dan jipprovdi ħarsa ġenerali tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fir-rigward tal-Aċċess għall-Ġustizzja fil-livell nazzjonali għall-każijiet relatati mal-ambjent. Dan jieħu l-forma ta' analiżi legali ddettaljata li tikkjarifika ċerti rekwiżiti legali u proċedurali u standards li jikkonċernaw każijiet ambjentali. Huma koperti suġġetti bħal rimedji, spejjeż, perjodi ta' żmien, limiti ta' żmien, kamp ta' applikazzjoni, pożizzjonijiet u effiċjenza.

2.2. L-għan tal-Komunikazzjoni huwa li tipprovdi "ċarezza […] u sors ta' riferiment" għall-udjenza ta' amministrazzjonijiet nazzjonali, qrati nazzjonali u individwi u l-NGOs li jeżerċitaw rwol ta' rappreżentanza tal-interess pubbliku u "l-atturi ekonomiċi, li jaqsmu interess fl-applikazzjoni prevedibbli tal-liġi" (paragrafu A9). Il-paragrafu 8 jistabbilixxi l-isfond għal dan il-għan f'termini tal-problemi esperjenzati minn dik l-udjenza, inklużi iżda mhux limitati għal: negozji, SMEs, individwi, NGOs u l-pubbliku bħala riżultat tal-problemi rigward l-implimentazzjoni tal-Aċċess għall-Ġustizzja fl-Istati Membri.

2.3. Dan jistabbilixxi wkoll l-importanza tal-ambjent bħala *"dak li jagħtina l-ħajja"* u kif il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tiegħu huwa *"valur Ewropew komuni"*.

([3]) Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2.4. Dan jistabbilixxi l-kuntest wiesa' tal-UE għall-Aċċess għall-Ġustizzja b'referenza għat-Trattati u l-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif ukoll għall-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar *Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali* ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus"). L-UE u t-28 Stat Membru jinsabu fost is-47 Parti għall-Konvenzjoni, minbarra l-pajjiżi mill-Ewropa u l-Asja Ċentrali.

2.5. Fl-2003, l-UE adottat żewġ proposti leġislattivi, waħda "dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali" ([4]), u waħda "li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika" ([5]). Dawn ipprovdew għall-Aċċess għall-Ġustizzja f'kamp ta' applikazzjoni limitat f'ċerti Direttivi eżistenti speċifiċi. Fl-2006, ġie adottat Regolament addizzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fl-UE ("ir-Regolament ta' Aarhus" ([6])). Il-Kummissjoni adottat proposta leġislattiva dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja fl-2003 ([7]). L-opinjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri u n-nuqqas ta' rieda politika biex din tgħaddi, wasslu sabiex din tiġi rtirata fl-2014 ([8]). In-nuqqas ta' Direttiva jkompli jkun problematiku u jeħtieġ li jiġi indirizzat. Il-KESE jitlob għal leġislazzjoni ġenerali u vinkolanti tal-UE dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja.

2.6. L-UE u l-Istati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, u ratifikawha. Fl-ewwel sessjoni tagħha fl-2002, il-Laqgħa tal-Partijiet (MoP) għall-Konvenzjoni stabbiliet mekkaniżmu ta' konformità mal-Konvenzjoni, inkluż l-ACCC. L-ACCC jinvestiga l-komunikazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' konformità ta' Parti, u jagħmel sejbiet u rakkomandazzjonijiet b'rabta ma' dan. Dawn jiġu ppreżentati lill-MoP. Mingħajr eċċezzjoni sas-sitt MoP fl-2017, dawn dejjem ġew approvati bis-sħiħ mill-Partijiet.

2.7. Il-Komunikazzjoni **tirrikonoxxi** li għada baqa' ostakli kbar fi ħdan ċerti Stati Membri. Xi pajjiżi jimblukkaw l-aċċess kważi kompletament, oħrajn jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni, f'oħrajn spejjeż sinifikanti huma kwistjonijiet ta' tħassib, u xi wħud ma jagħmlu l-ebda dispożizzjoni għal rimedji effettivi. Jeħtieġ li jiġi żviluppat rapport ta' referenza miżmum tajjeb u indipendenti biex tkun ipprovduta ċarezza dwar kwistjonijiet speċifiċi fi ħdan l-Istati Membri, kif ukoll biex tiġi enfasizzata l-aħjar prattika eżistenti.

2.8. Il-Kummissjoni tistabbilixxi d-deċiżjonijiet u l-kjarifiki tal-Qorti tal-Ġustizzja u dawn ir-rekwiżiti bażiċi huma vinkolanti. Dak il-punt, flimkien ma' rekwiżit li m'għandu jkun hemm l-ebda derogi jew twaqqigħ lura, għandhom jiġu ddikjarati ċarament f'verżjonijiet futuri tal-Komunikazzjoni.

2.9. Il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni seħħet f'nofs kontroversja intensa li tirrelata mal-kwistjoni jekk l-UE tikkonformax bis-sħiħ mal-obbligi tagħha stess skont l-Artikolu 9 bħala Parti għall-Konvenzjoni. Dan isegwi komunikazzjoni lill-ACCC li tiddikjara nuqqas ta' konformità, u l-ACCC għamlet sejba ([9]) ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-implimentazzjoni proprja tal-UE ta' Aċċess għall-Ġustizzja, b'rakkomandazzjonijiet assoċjati.

2.10. F'Lulju 2017, il-Kunsill tal-UE ddeċieda b'mod unanimu li jaċċetta dawn is-sejbiet soġġetti għal emendi (pożizzjoni promossa mill-Kummissjoni) u tenna wkoll l-appoġġ tiegħu għall-Konvenzjoni ta' Aarhus ([10]). L-emendi proposti għad-deċiżjoni tal-MoP dwar is-sejbiet tal-ACCC jipproponu fost oħrajn li l-MoP għandha "tieħu nota" tas-sejbiet pjuttost milli "tapprovahom". Il-KESE jenfasizza li hemm kontradizzjoni fl-UE li tipprova ma tapprovax ir-riżultati tal-ACCC filwaqt li ttenni l-appoġġ għall-Konvenzjoni. Dan l-approċċ, jekk jiġi adottat minn Partijiet oħrajn għall-Konvenzjoni, għandu l-potenzjal li jdgħajjef serjament il-mekkaniżmu ta' konformità indipendenti, kif ukoll is-saħħa u l-effettività tal-Konvenzjoni bħala konsegwenza.

2.11. Fil-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni li saret f'Settembru 2017 f'Montenegro, ittieħdet deċiżjoni li tiġi diferita d-deċiżjoni mill-MoP fir-rigward tas-sejbiet tal-ACCC li l-UE ma kinitx konformi. Din ġiet segwita minn dikjarazzjonijiet robusti minn fehmiet u diskussjonijiet alternattivi waqt l-MoP. L-MoP dejjem ħadmet b'kunsens, u għax ma kien hemm l-ebda kunsens dwar il-kwistjoni, u b'segwitu għal laqgħa ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE, ġie miftiehem li tiġi posposta d-deċiżjoni għall-MoP li jmiss fl-2021.

---

([4]) Direttiva 2003/4/KE.
([5]) Direttiva 2003/35/KE.
([6]) Regolament (KE) Nru 1367/2006.
([7]) http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52003PC0624 (mhux disponibbli bil-Malti).
([8]) Ara l-irtirar ta' proposti tal-Kummissjoni li ma jkunux baqgħu applikabbli (ĠU C 153, 21.5.2014, p. 3).
([9]) https://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/compliance/C2008-32/Findings/C32_EU_Findings_as_adopted_advance_unedited_-version.pdf
([10]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11150-2017-INIT/mt/pdf

2.12. Il-KESE jirrikonoxxi s-sensittivitajiet assoċjati mas-sejbiet reċenti tal-ACCC dwar in-nuqqas ta' konformità tal-UE. Il-KESE jheġġeġ għal impenn urġenti, f'waqtu u kostruttiv mill-UE qabel l-MoP li jmiss. B'mod partikulari, ser ikun importanti għall-UE li tieħu impenn u tagħti prijorità, ma' NGOs ambjentali u tas-soċjetà ċivili, lil approċċ wiesa' u ambizzjuż għall-modi u l-oqsma li fihom l-UE tista' ttejjeb l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Aċċess għall-Ġustizzja fl-istituzzjonijiet tal-UE u minnhom. Għandhom jiġu indirizzati wkoll approċċ parallel u komplementari għall-implimentazzjoni tal-Aċċess għall-Ġustizzja fi ħdan u mill-istituzzjonijiet tal-UE, bi gwida assoċjata u attivitajiet ta' implimentazzjoni.

2.13. L-avviż interpretattiv tal-Kummissjoni joħroġ minn proċess twil u mingħajr suċċess biex jiġu adottati miżuri speċifiċi fil-livell tal-UE dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja. Dan kien jinkludi:

— l-irtirar tal-proposta għal Direttiva tal-Aċċess għall-Ġustizzja;

— in-nuqqas li jiġu emendati d-direttivi rilevanti kollha b'mod individwali biex jinkludu l-Aċċess għall-Ġustizzja, pereżempju, direttivi ambjentali ewlenin bħad-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar il-Ħabitats ma ġewx emendati biex jirriflettu Dispożizzjonijiet ċari u komprensivi dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja;

— it-tentattivi li kienu fallew biex jemendaw direttivi speċifiċi li jipprovdu għal Dispożizzjonijiet tal-Aċċess għall-Ġustizzja ([11]).

2.14. Huma meħtieġa miżuri li jarmonizzaw il-mod li bih il-qrati nazzjonali qed jittrattaw il-każijiet ambjentali: l-istandards legali tal-UE ma jidhrux li huma speċifiċi biżżejjed. Għaldaqstant dan irriżulta f'għadd kbir ta' referenzi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE għal deċiżjoni preliminari. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija maħsuba biex tikkjarifika r-regoli u l-istandards li jirriżultaw minn dik il-każistika tal-QtĠ u b'hekk issaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati.

2.15. Il-Kummissjoni żiedet ukoll il-fehmiet tagħha stess fl-analiżi legali.

2.16. Il-Komunikazzjoni u l-kjarifika sottostanti jeżerċitaw konformità mar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali u għandhom l-għan li jtejbuha. Il-KESE ddikjara f'opinjoni reċenti ([12]) l-appoġġ tiegħu għall-proċess tar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali u talab li jkun hemm azzjoni deċiżiva sabiex jiġi implimentat l-*acquis* ambjentali sal-estent u l-potenzjal kollu tiegħu.

2.17. In-nuqqas ta' Direttiva dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja jirriżulta f'diskrepanza fil-quċċata tal-ġerarkija fil-leġislazzjoni li tgħin sabiex jiġu kkjarifikati ħafna mill-kwistjonijiet li ħolqu konfużjoni u inkonsistenzi fl-Istati Membri kollha, bi problemi assoċjati għan-negozji u ċ-ċittadini.

2.18. Xi Stati Membri ratifikaw il-Konvenzjoni ta' Aarhus mingħajr ma speċifikaw kif l-Aċċess għall-Ġustizzja japplika f'każijiet speċifiċi, jew ma kinux ċari jew kompleti fl-implimentazzjoni tagħhom.

## 3. **Il-pożizzjoni tal-KESE**

3.1. Il-KESE jappoġġja l-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-implimentazzjoni sħiħa tagħha mill-UE u fi ħdanha. Għall-validità u l-integrità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, huwa essenzjali li s-sejbiet tal-ACCC jiġu approvati bis-sħiħ mill-Partijiet.

3.2. Il-KESE jinnota li l-Konvenzjoni ta' Aarhus tappartjeni għall-korp tal-liġi internazzjonali li jittratta d-Drittijiet tal-Bniedem u hija kompatibbli bis-sħiħ mal-prinċipji fundamentali tal-UE, kemm fit-Trattati kif ukoll fil-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiddefendi d-Drittijiet tal-Bniedem u tkun mexxejja globali f'dan il-qasam.

3.3. Il-KESE jheġġeġ lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u b'mod partikolari jiżguraw li l-Aċċess għall-Ġustizzja f'reviżjonijiet amministrattivi u fil-qrati nazzjonali jingħata b'mod konsistenti mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni, u l-karatteristiċi essenzjali għal dawk ir-reviżjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjonijiet. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll l-interdipendenza kritika tat-tliet pilastri tal-Konvenzjoni, u li jeħtieġ li dawn jiġu implimentati kumplessivament b'mod komplementari biex ikollhom effett reali.

([11]) Id-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi tal-Emissjonijiet
([12]) *L-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali* ĠU C 345, 13.10.2017, p. 114-119.

3.4. Id-dokument ippubblikat mill-Kummissjoni huwa milqugħ u kkunsidrat bħala komunikazzjoni utli u importanti. Il-KESE jirrikonoxxi li l-konsistenza fl-Aċċess għall-Ġustizzja madwar l-UE hija fattur essenzjali fl-għoti ta' kondizzjonijiet tas-suq omoġeni, fundamentali għas-suċċess tas-suq uniku u li din hija meħtieġa wkoll għal implimentazzjoni b'suċċess tad-drittijiet fundamentali tad-dritt tal-Unjoni b'mod konsistenti madwar l-Unjoni. Din il-Komunikazzjoni tikkontribwixxi għal dan.

3.5. Il-KESE jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li "F'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali eżistenti skont l-*acquis* tal-UE, il-Kummissjoni se tibqa' tuża wkoll proċeduri ta' ksur biex tiżgura l-issodisfar tagħhom" (paragrafu A13). Il-Kummissjoni għandha rwol meħtieġ u ddefinit f'dak ir-rigward skont it-Trattati tal-UE. L-eżekuzzjoni effettiva ta' dak ir-rwol hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-impenji tal-Istati Membri jiġu ssodisfati b'mod konsistenti, u li dawk l-Istati Membri li huma konformi ma jkunux żvantaġġati b'mod inġust u li tiġi prevista l-omoġenità fil-kundizzjonijiet u d-drittijiet tas-suq.

3.6. Il-KESE huwa tal-fehma li liġi ambjentali implimentata b'mod effettiv tipprovdi ċarezza u ċertezza għas-swieq u l-investituri, filwaqt li fil-proċess tiffaċilita l-iżvilupp sostenibbli. Jintlaqa' l-iskop ta' din il-gwida mill-Kummissjoni fil-provvediment ta' titjib fiċ-ċertezza u ċ-ċarezza tal-liġi ambjentali, minkejja l-limitazzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

3.7. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea kkummissjonat analiżi dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, pereżempju r-rapport Darpö ([13]). Dan ir-rapport, u analiżijiet indipendenti oħra jipprovdu evalwazzjonijiet importanti dwar l-implimentazzjoni li l-Istati Membri għandhom ikunu mgħarrfa dwarhom.

3.8. Il-KESE jirrikonoxxi li d-definizzjoni ta' "Awtorità Pubblika" fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tinkludi: "L-istituzzjonijiet ta' kwalunkwe organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali msemmija fl-Artikolu 17 li hija Parti għal din il-Konvenzjoni". Permezz ta' din id-definizzjoni u permezz tal-Artikolu 17 innifsu, il-KESE jirrikonoxxi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal Partijiet bħal l-UE. L-UE ffirmat u ratifikat hija stess il-Konvenzjoni ([14]). Il-KESE jikkunsidra li l-istrument tar-ratifika tal-UE għall-Konvenzjoni ma jeżentax lill-istituzzjonijiet tal-UE mill-obbligi tagħhom fir-rigward tal-Aċċess għall-Ġustizzja.

## 4. **Il-passi li jmiss**

4.1. Jinħtieġu komunikazzjonijiet jew linji gwida oħra li jinkludi s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ACCC, biex jiffaċilitaw aktar ċarezza u l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Direttiva dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja tista' tkun ta' għajnuna kbira biex tipprovdi ċarezza u konsistenza.

4.2. *Konsistenza tal-approċċ akbar* għall-implimentazzjoni tipprovdi aktar omoġenità tal-kundizzjonijiet fost l-Istati Membri għan-negozju u tiffaċilita l-iżvilupp. Attwalment, l-inċertezza qed tirriżulta f'dewmien, spejjeż żejda u qed ixxekkel l-iżvilupp sostenibbli.

4.3. Jeħtieġ li jkun hemm b'urġenza *konsultazzjoni madwar l-UE sabiex tiġi żviluppata u tinżamm evalwazzjoni referenzarja indipendenti* tal-Aċċess għall-Ġustizzja fil-livell tal-Istati Membri. Din jeħtieġ li tqis kemm il-livelli tas-sensibilizzazzjoni fost is-soċjetà ċivili kif ukoll dak li qed iseħħ fil-qrati u fir-reviżjonijiet amministrattivi. Din għandha tistabbilixxi b'mod kritiku liema każijiet qed jittieħdu, mhumiex qed jittieħdu jew qed jiġu mfixkla milli jittieħdu minħabba kwistjonijiet ta' Aċċess għall-Ġustizzja. Il-KESE jista' jkollu rwol fl-ilħuq ta' udjenza wiesgħa billi juża n-netwerk tiegħu ta' soċjetà ċivili organizzata u jixtieq ukoll li jkollu rwol ta' segwitu fil-komunikazzjoni tas-sejbiet ta' tali evalwazzjoni. Fiha nfisha, l-evalwazzjoni għandha tkun indipendenti u oġġettiva.

4.4. Jeħtieġ li din ir-referenza tmur lil hinn mil-limitazzjonijiet tar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali, li hija limitata mill-kamp ta' applikazzjoni u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni pubblika tagħha; u l-limitazzjonijiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-referenza għandu jindirizza l-aspetti kollha tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, b'mod partikolari l-karatteristiċi kollha tar-reviżjonijiet speċifikati tal-Artikolu 9(4) fil-Konvenzjoni; u l-obbligu ta' appoġġ fl-Artikolu 9(5). Mill-inqas kull sentejn għandhom jitlestew aġġornamenti sħaħ ta' din ir-referenza.

4.5. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi, u l-KESE japprova, ir-rwol vitali taċ-ċittadini u l-NGOs fl-enfasizzar tar-responsabbiltà skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus. It-taħriġ u l-edukazzjoni fil-livell tal-Istati Membri huma kritiċi kemm fil-livell taċ-ċittadini kif ukoll fil-livell ġudizzjarju. Il-Kummissjoni:

([13]) http://ec.europa.eu/environment/aarhus/pdf/synthesis%20report%20on%20access%20to%20justice.pdf

([14]) https://treaties.un.org/Pages/ViewDetails.aspx?src=IND&mtdsg_no=XXVII-13&chapter=27&clang=_en#EndDec

— għandha tiżviluppa pjan speċifiku li jżomm u jiddissemina l-Komunikazzjoni b'mod effettiv, li tirrifletti b'mod f'waqtu l-iżviluppi rilevanti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u għandha taħdem flimkien mas-soċjetà ċivili f'dan;

— ser ikollha bżonn tagħti prijorità lill-għoti ta' riżorsi u finanzjament ta' dawn il-pjani;

— tista' tesplora għodda dinamika u aġġornata għas-soċjetà ċivili, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-korpi ġudizzjarji biex jiġu żgurati l-prevalenza u l-preċiżjoni ta' tali gwida u b'hekk jiġu riflessi żviluppi rilevanti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— għandha toħroġ rapporti ta' progress dwar dawn il-pjani kull 6 xhur;

— għandha tidentifika diskrepanzi u ommissjonijiet fil-Komunikazzjoni għall-Istati Membri u għandha tagħtihom prijorità kif ukoll tindirizzahom; għandha tqis ukoll l-oqsma li fihom hemm diskrepanzi fil-ġurisprudenza attwali tal-Qorti u feedback mill-komunitajiet esperti.

4.6. In-natura projbittiva tal-ispejjeż f'ċerti ġurisdizzjonijiet tista' tkun ostakolu sinifikanti għall-ġustizzja. It-theddida li jirriżultaw spejjeż projbittivi tista' tkun ostaklu għall-Aċċess għall-Ġustizzja. F'kuntest globali ta' fastidju u persekuzzjoni tad-difensuri ambjentali, l-UE għandha tmexxi fl-iffaċilitar tal-Aċċess għall-Ġustizzja u b'mod partikolari għandha tkun proattiva fl-indirizzar ta' każijiet fejn hemm fastidju, inkluż fejn il-kwistjonijiet ta' spejjeż huma ostaklu.

4.7. Jeħtieġ li jkun hemm mekkaniżmu li permezz tiegħu s-sejbiet tal-ACCC ikunu jistgħu jintużaw biex tiġi kkomplementata l-Komunikazzjoni lill-Istati Membri u tkompli tingħata aktar ċarezza dwar l-obbligi.

4.8. Dan l-Avviż Interpretattiv se jkollu jinżamm u jiġi aġġornat b'mod regolari bl-implimentazzjoni ta' aġġornamenti lill-udjenza fil-mira. Hemm bżonn li jkunu aċċessibbli biżżejjed riżorsi u fondi biex jappoġġjaw pjani effettivi kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni.

4.9. Minħabba l-importanza tar-referenzi preliminari ([15]) fl-iżgurar tal-konsistenza tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-Kummissjoni għandha tesplora bis-sħiħ u tirrapporta b'mod komplet dwar l-użu u l-konformità ma' din id-dispożizzjoni fost l-Istati Membri kollha, u għandha tinvestiga u ssegwi kwalunkwe ostakolu jew l-ostakoli kollha għall-użu tagħha.

Brussell, is-7 ta' Diċembru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([15]) Skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.